# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Green Paper dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali"

*COM(2009) 175 finali*

(2010/C 255/08)

Relatur: **Is-Sur HERNÁNDEZ BATALLER**

Nhar il-21 ta' April 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Green Paper dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali*

COM(2009) 175 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, responsabbli sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-17 ta' Novembru 2009. Ir-relatur kien is-Sur Hernández Bataller.

Matul il-458 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2009 (seduta tas-16 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'174 vot favur u astensjoni waħda.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jikkondividi l-opinjoni tal-Kummissjoni li tikkonsisti f'li l-proċedura tal-*exequatur* tiġi abolita, biex tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi fis-suq intern u l-eżekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi għaċ-ċittadini u l-intrapriżi.

1.2 Il-KESE jikkunsidra adatt li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 ikun estiż għas-sentenzi amministrattivi; għaldaqstant, jitlob lill-Kummissjoni twettaq l-istudji meħtieġa biex jitneħħew l-ostakli li jeżistu bħalissa.

1.3 Jikkunsidra importanti wkoll l-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-użu transnazzjonali tal- arbitraġġ, billi huwa favur l-introduzzjoni ta' regolament sopranazzjonali u uniformi dwar il-konflitt fir-rigward tal-validità tal-ftehimiet ta' arbitraġġ, li jkun jirreferi għal-liġi tal-Istat fejn isir l-arbitraġġ. Dan għandu jsir mingħajr ma jinbidel xejn fil-funzjonament tal-Konvenzjoni ta' New York jew għall-inqas billi din tittieħed bħala punt tat-tluq għal aktar azzjoni.

1.4 Approċċ komuni ta' natura sopranazzjonali li jistabbilixxi regoli ċari u preċiżi fil-qasam tal-ġurisdizzjoni internazzjonali ser isaħħaħ il-protezzjoni legali taċ-ċittadini u jiggarantixxi l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja mandatorja. Għaldaqstant, għandhom jiġu inklużi regoli relatati mal-konvenuti domiċiljati f'pajjiżi terzi, jitwaqqfu regoli ta' ġurisdizzjoni sussidjarja, jiġu adottati miżuri biex jipprojbixxu l-*forum shopping* u jitħeġġeġ l-użu ta' klawsoli standard għall-għażla tal-qorti.

1.5 Għandhom ukoll jiġu adottati regoli li jżidu ċ-ċertezza legali u jnaqqsu l-ispejjeż għolja kkważati mill-possibbiltà ta' proċeduri ripetuti ta' tilwim dwar il-proprjetà intellettwali quddiem il-qrati nazzjonali.

1.6 Għall-proċedimenti ġuridiċi li jirriżultaw fi drittijiet ta' natura mandatorja u protettiva, bħal dawk li ġejjin minn kuntratt tax-xogħol jew relazzjonijiet mal-konsumatur, ir-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi emendat biex jikkonsolida l-fakultà tal-eżerċitar ta' azzjoni kollettiva.

## 2. Introduzzjoni

2.1 It-Trattat tal-Unjoni Ewropea għandu fost l-objettivi tiegħu ż-żamma u l-iżvilupp ta' "spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" u, fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fl-Artikolu 65, huwa stabbilit li l-miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materja ċivili b'implikazzjonijiet transkonfinali, sa fejn ikun meħtieġ għall-funzjonament adatt tas-suq intern, għandhom jinkludu r-"rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ċivili u kummerċjali, inklużi deċiżjonijiet f'każijiet extraġudizzjarji".

2.2 Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere, f'Ottubru 1999, biddel il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku [1] tas-sentenzi f'punt tassew prinċipali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, kemm f'materja ċivili kif ukoll f'dik kriminali.

(1) Il-prinċipju tar-"rikonoxximent reċiproku" jiggarantixxi ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi ġudizzjarji bla ma jkun jeħtieġ li jiġu armonizzati l-leġiżlazzjonijiet tal-qrati tal-Istati Membri.

2.3 Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza fi Frar 2003, il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Artikolu 67 ġiet sostitwita bil-votazzjoni b'maġġoranza kkwalifikata u bil-proċedura ta' kodeċiżjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, bl-eċċezzjoni tal-liġi tal-familja.

2.4 Il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali hija kontribut pożittiv ħafna għall-*acquis communautaire*.

2.4.1 Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea dwar il-Konvenzjoni u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam ippermettew l-approvazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]), li dwar il-proposta għalih il-KESE ħareġ l-opinjoni tiegħu kif kien adatt ([3]), filwaqt li appoġġja l-adegwatezza ta' strument Komunitarju li jissostitwixxi l-Konvenzjoni.

2.4.2 Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 jistabbilixxi regoli uniformi biex jiġu rikonoxxuti l-konflitti dwar il-ġurisdizzjoni u biex jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi, is-soluzzjoni ġudizzjarja u l-istrumenti awtentiċi infurzabbli fl-Unjoni Ewropea. Huwa wera li r-regolament kien strument essenzjali fir-realtà proċedurali ċivili u kummerċjali transkonfinali.

2.4.3 Għall-bidu, id-Danimarka ma kenitx tipparteċipa fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili. Fil-fatt, ir-Regolament ilu japplika fid-Danimarka mill-1 ta' Lulju 2007, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([4]).

2.4.4 It-Trattat ta' Lisbona għandu jiffaċilita l-azzjoni f'livell Ewropew fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili billi jistabbilixxi l-applikazzjoni tal-metodu Komunitarju għal kulħadd ([5]), bl-approvazzjoni mill-maġġoranza kkwalifikata tal-proposti li tagħmel il-Kummissjoni u billi jissaħħu l-importanza tal-Parlament Ewropew, il-kontroll demokratiku mill-Parlamenti nazzjonali u r-rwol tal-kontroll tal-legalità tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## 3. Il-Green Paper tal-Kummissjoni

3.1 L-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 44/2001 jipprevedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, akkumpanjat minn proposti għal xi tibdiliet fih.

3.2 Il-Green Paper tagħmel sensiela ta' proposti dwar l-aspetti li l-Kummissjoni tikkunsidra l-aktar essenzjali, mill-esperjenza tagħha fl-applikazzjoni u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea marbuta mar-Regolament Nru 44/2001.

3.3 Fost is-suġġetti li dwarhom il-Green Paper titlob dibattitu politiku hemm l-abolizzjoni tal-*exequatur* ([6]), it-tħaddim tar-Regolament fl-ordni legali internazzjonali, l-għażla tal-qorti, il-proprjetà industrijali, il-*lis pendens* u l-azzjonijiet relatati, il-miżuri proviżorji, ir-rabta bejn ir-Regolament u l-arbitraġġ, il-kamp ta' applikazzjoni u l-ġurisdizzjoni.

3.4 Il-Green Paper tittratta wkoll ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari ċ-ċirkolazzjoni libera tal-istrumenti awtentiċi, mitluba mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008; jew il-possibbiltà li tintuża formola standard komuni fil-fażi tal-eżekuzzjoni.

## 4. Osservazzjonijiet ġenerali

4.1 Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 wera li huwa strument legali essenzjali fir-realtà proċesswali u kummerċjali. Il-KESE għandu l-istess opinjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li l-miżuri fl-ambitu tal-kooperazzjoni legali ċivili huma meħtieġa għall-funzjonament adatt tas-suq intern.

4.2 Id-dibattitu propost mill-Kummissjoni jirriżulta rilevanti fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament matul l-aħħar snin. L-għan huwa li jissaħħaħ id-dritt fundamentali tal-persuni biex jiksbu rimedju effettiv, dritt fundamentali li huwa stabbilit fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 65 tat-Trattat KE u li fl-istess ħin huwa prinċipju ġenerali tal-liġi rikonoxxut mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

4.3 L-abolizzjoni tal-*exequatur* fid-deċiżjonijiet kollha adottati mill-qrati tal-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali tirriżulta koerenti għalkollox mal-għan li tiġi garantita l-effikaċja tagħhom u biex jiġu ppreservati ċ-ċertezza legali fl-ambitu tas-suq intern u d-Dritt Fundamentali tal-aċċess għall-proċess ([7]) u r-rimedju effettiv, rikonoxxuti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-Artikolu 47(1) tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali ([8]).

---

([2]) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

([3]) ĠU C 117, 16.4.2000, p. 51.

([4]) ĠU L 299, 16.11.2005, p. 61.

([5]) Il-metodu Komunitarju huwa bbażat fuq l-idea li l-interess ġenerali taċ-ċittadini jiġi difiż aħjar meta l-istituzzjonijiet Komunitarji jaqdu għalkollox ir-rwol tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

([6]) L-*exequatur* huwa l-proċedura li għandha l-għan li tistabbilixxi jekk huwiex possibbli li sentenza mogħtija mill-Qorti, li tmur lil hinn missovranità tal-Istat fejn wieħed jixtieq li tiġi eżegwita, tiġix rikonoxxuta u jiġix permess li titwettaq fi Stat differenti minn dak fejn ingħatat jew le.

([7]) L-aċċess għall-proċess jagħmel parti mid-dritt tal-Artikolu 6(1) skont il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara s-Sentenzi Golder (21.2.1975, punt 28 sa punt 31) u s-Sentenza Dewer, fost l-oħrajn.

([8]) ĠU C 364, 18.12.2000.

4.3.1 Konsegwentement, dan jikkonforma mal-klawsola tas-sussidjarjetà prevista b'mod impliċitu fl-Artikolu 65(1) tat-Trattat KE, li tistabbilixxi li miżuri adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni legali ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali biss jistgħu jiġu adottati jekk ikunu meħtieġa għall-funzjonament adatt tas-suq intern.

4.3.2 Minn naħa waħda, u rigward il-ħtiġiet li jridu jintlaħqu f'sentenza infurzabbli fil-livell sopranazzjonali, jistgħu jirriżultaw adegwati l-garanziji previsti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 (Brussell II-a) (l-Artikoli 41 u 42 ta' dan ir-regolament jagħtu l-infurzabbiltà diretta lis-sentenzi fil-qasam tad-drittijiet ta' aċċess u r-ritorn tal-minuri), previst li fiż-żewġ każijiet ikun hemm żewġ garanziji: li s-sentenzi jkunu jistgħu jiġu rinfurzati fil-bidu u li jkunu kisbu ċ-ċertifikazzjoni rilevanti fl-Istat Membru tal-oriġini ([9]).

4.3.3 Għaldaqstant, l-uniku ostaklu li jista' jfixkel huwa l-fatt li wara tkun ingħatat sentenza infurzabbli oħra minn korp differenti, iżda din iċ-ċirkostanza tkun ta' eċċezzjoni kbira fil-qasam kopert fl-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 44/2001 mill-Kummissjoni.

4.3.4 Min-naħa l-oħra, u fir-rigward tas-salvagwardja tad-drittijiet tal-konvenut, l-interpretazzjoni konformi mal-*prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku* tippermetti lill-qorti li quddiemha tkun tressqet it-talba biex jiġu applikati l-istess regoli li jitlob l-ordni nazzjonali tiegħu għall-każijiet ta' notifika lill-barranin, jew liċ-ċittadini tal-pajjiż li mhumiex residenti fih, mill-bidu tal-proċedura.

4.3.5 Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet bħal dawn, jew f'każ ta' insuffiċjenza ċara tal-leġiżlazzjoni eżistenti fir-rigward tad-dritt għall-proċess ġust (pereżempju l-fehim tal-lingwa, l-affidabbiltà tal-mezzi li jittrasmettu u jirċievu t-talba, eċċ.), ikun adatt li jiġu stabbiliti regoli sussidjarji ta' garanziji fir-regoli sopranazzjonali.

4.3.6 Madankollu, il-KESE huwa favur proċedura ta' reviżjoni sopranazzjonali aktar armonizzata b'mod ġenerali fil-proċess ċivili u kummerċjali, sakemm il-konvenut ikollu rimedju effettiv *a posteriori* (reviżjoni speċjali) bħala salvagwardja.

4.4 B'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ([10]), il-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001 fis-seħħ jgħaqqad ir-regoli ta' ġurisdizzjoni mhux biss għat-tilwim fil-Komunità, iżda wkoll għal dawk li għandhom element barrani, u dan jinkludi dawk is-sitwazzjonijiet fejn id-domiċilju tal-konvenut ma jkunx fi Stat Membru.

4.4.1 Konsegwentement, għandu jkun possibbli li jiġu stabbiliti xi regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali li joffru qafas sopranazzjonali għal sitwazzjoni ta' rikors quddiem qorti nazzjonali bħal din skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, anki jekk soġġetti għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 22 u 23 tal-istess Regolament.

4.5 Fir-rigward tal-introduzzjoni tar-"regoli tal-ġurisdizzjoni sussidjarja", dawn it-tliet regoli li attwalment qed jiġu kkunsidrati jidhru adegwati:

— ġurisdizzjoni li għandha bħala bażi t-twettiq tal-attivitajiet, previst li tilwima tkun dwar attivitajiet bħal dawn (diġà teżisti dispożizzjoni simili fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment li tagħti l-ġurisdizzjoni lill-Istat fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur);

— ġurisdizzjoni bbażata fil-lok tal-assi mitlubin biex ipaċu dejn; u

— fl-aħħar nett, dik tal-*forum necessitatis* ([11]), anki jekk dan għandu jirrispetta b'reqqa kbira t-termini fejn il-liġi internazzjonali tirrikonoxxi l-*prinċipju tat-territorjalità oġġettiva* ([12]) li jenfasizzaw id-dmir li jiġi ppruvat kemm ikun adatt u ta' benefiċċju li jsir rikors għall-qorti stabbilita.

4.5.1 In-natura eċċezzjonali tal-użu tar-regoli tal-*forum necessitatis* tidher, fost dispożizzjonijiet oħra, fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 4/2009 ([13]), li jippermetti lill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ssolvi tilwima sakemm ma teżistix ġurisdizzjoni rikonoxxuta lil Stat Membru ieħor fid-dawl tar-Regolament, u ma jkunx possibbli li tinbeda fi Stat terz li t-tilwima tkun marbuta miegħu mill-qrib ħafna.

4.5.2 Madankollu, fir-rigward tal-estensjoni tal-użu ta' proċeduri bħal dawn, meta jkun ikkunsidrat ir-riskju ta' proċeduri paralleli bħala riżultat tat-twaqqif ta' regoli uniformi għat-talbiet imressqa kontra konvenuti ta' pajjiżi terzi, xorta waħda għandhom jinżammu r-regoli uniformi sopranazzjonali għas-sitwazzjonijiet proċedurali li ġejjin:

— meta l-partijiet ikunu kkonkludew għażla esklużiva dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati ta' pajjiżi terzi;

— meta t-tilwima, għal raġunijiet oħra, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' pajjiżi terzi; jew

— meta diġà jkunu nbdew proċeduri paralleli f'pajjiż terz.

([9]) Ara wkoll f'dan ir-rigward ir-Regolamenti 4/2009, 1896/2006 u 861/2007.

([10]) Sentenza tal-1.3.2005, Kawża C-281/02 OWUSU, u l-Opinjoni 1/03 tas-7 ta' Frar 2006, paragrafi 143-145.

([11]) Dan ifisser li l-qorti għandha tirrikonoxxi l-ġurisdizzjoni assunta minn qorti ta' pajjiż terz jekk, fil-fehma tagħha, din il-qorti tkun assumiet ġurisdizzjoni sabiex tevita ċaħda ta' ġustizzja f'każ li ma tkun teżisti l-ebda qorti kompetenti. Dan huwa aktar aspett tal-aċċess għall-qrati milli rikonoxximent ta' sentenzi.

([12]) Pereżempju fis-Sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tas-7 ta' Settembru 1927, Kawża "Lotus", u tal-5 ta' Frar 1970, Kawża "Barcelona Traction".

([13]) ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.

4.6 Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi adottati mill-qrati ta' pajjiżi terzi bil-ġurisdizzjoni esklużiva fuq tilwima, jeħtieġ li tiġi stabbilita proċedura sopranazzjonali uniformi li tevita d-danni u d-dewmien li tinvolvi d-diversifikazzjoni tas-sistemi li jeżistu attwalment. Dan ifisser li għandu jiġi introdott qafas komuni ta' kundizzjonijiet biex jiġu aċċettati d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' pajjiżi terzi, li l-KESE jikkunsidra importanti.

4.6.1 Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea għandha, abbażi tal-Opinjoni 1/2003 tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li tirrikonoxxihielha, il-ġurisdizzjoni esklużiva li tiffirma l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kemm f'livell bilaterali kif ukoll unilaterali; għalhekk, l-istabbiliment tal-proċedura sopranazzjonali uniformi huwa kkunsidrat rilevanti.

4.7 *Lis pendens*

4.7.1 Bħalma huwa magħruf, ir-regola tal-*lis pendens* tipprevedi li, f'sitwazzjoni fejn jeżistu żewġ talbiet bl-istess għan, li jkunu dwar fatti identiċi u li jiġu eżaminati minn żewġ qrati differenti, il-qorti li jkun sarilha rikors l-aħħar għandha twaqqaf il-proċedimenti favur il-qorti l-oħra.

4.7.2 Fir-rigward tal-istabbiliment tar-regoli sopranazzjonali li jiżguraw l-effikaċja tal-ftehimiet tal-għażla tal-qorti ffirmata mill-partijiet f'każ li jeżistu proċeduri paralleli, għall-finijiet ta' effikaċja u ħeffa u ta' ċertezza legali jidher li l-aħjar hu li fir-Regolament tiġi emendata r-regola tal-*lis pendens* bis-salvagwardji tal-obbligu tal-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni diretta bejn iż-żewġ qrati rilevanti.

4.7.3 Għandu jirriżulta pożittiv l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u komunikazzjoni bejn il-qrati affettwati, billi l-qorti li tkun waqqfet il-proċedimenti tiġi obbligata terġa' tiftaħ il-kawża jekk il-qorti fejn tressqet il-kawża fil-bidu wkoll twaqqaf il-proċedimenti, biex b'hekk jiġu evitati l-konflitti ta' ġurisdizzjoni negattivi bħal dak li jeżisti fir-Regolament Nru 2201/2003 ([14]).

4.7.4 Għaldaqstant, il-"*lis pendens* b'salvagwardji" għandha tippermetti li tiġi stabbilita skadenza li fiha l-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni minħabba li tkun semgħet il-kawża l-ewwel – skont ir-regola tal-prijorità fiż-żmien – għandha tieħu deċiżjoni ferma dwar il-kompetenza tagħha u, f'każ li żżomm din il-kompetenza, għandha tkun obbligata bi skadenzi vinkolanti oħra li tinforma b'mod regolari lill-qorti l-oħra dwar l-iżvilupp tal-proċedura.

4.8 L-istabbiliment ta' "regola tad-diliġenza", li tobbliga li jiġu kkomunikati fil-ħin il-kwistjonijiet rilevanti għaż-żewġ qrati jew aktar li jinsabu f'sitwazzjoni ta' *lis pendens* dwar l-istess kawża li t-tnejn li huma jkunu ġew iddikjarati esklużivament kompetenti għaliha, għandu jsaħħaħ b'mod ċar iċ-ċertezza legali.

([14]) ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1.

4.8.1 Fl-aħħar nett, il-KESE jikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawsola standard ta' natura sopranazzjonali għall-għażla tal-qorti fir-Regolament Nru 44/2001 għandha tiffaċilita l-aċċess għar-rimedju effettiv għaċ-ċittadini u l-intrapriżi, għax għandha tevita l-inċertezza dwar il-kwistjoni tal-validità tal-ftehima tal-għażla tal-qorti, bil-għan li, permezz tal-miżuri li jirriżultaw neċessarji, jiġi evitat il-*forum shopping*.

4.9 *Miżuri ta' salvagwardja*

4.9.1 Fir-rigward tal-miżuri ta' salvagwardja, huwa adegwat ukoll li ssir reviżjoni ta' ċerti aspetti tal-Artikoli 31 u 47 fis-seħħ tal-imsemmi Regolament Nru 44/2001. B'mod speċjali, dan jgħodd f'każ li miżuri bħal dawn jintalbu quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru meta l-qorti ta' Stat Membru ieħor ikollha l-ġurisdizzjoni fuq is-sostanza tal-każ.

4.9.2 Bil-kunsiderazzjoni li l-azzjonijiet ta' salvagwardja quddiem qorti għandhom jiġu adottati biex jipproteġu s-sitwazzjoni proċedurali ta' min jitlobhom jekk ikun hemm żewġ rekwiżiti – il-*fumus boni iuris* u l-*periculum in mora* ([15]) – fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u biex jiġi evitat l-abbuż tal-liġi, ikun adatt li jiġu introdotti xi restrizzjonijiet għal din l-eventwalità.

4.9.3 L-ewwel, l-obbligu tal-korp li quddiemu jintalab li ssir komunikazzjoni mal-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-fatti tat-tilwima u, ladarba din l-informazzjoni tiġi evalwata, li jiġi deċiż dwar jekk l-adozzjoni tagħha tkunx adatta jew le billi l-benefiċċju tal-proċedura jittieħed bħala referenza ewlenija.

4.9.4 It-tieni, l-obbligu ta' min jitlob il-miżuri ta' salvagwardja jew proviżorji li jkun depożitat pleġġ, li tiegħu l-ammont jiġi stabbilit b'mod raġonevoli mill-qorti tal-ġurisdizzjoni skont l-entità tal-fatti tal-proċedura u skont l-effett dissważiv tiegħu kif meħtieġ biex jiġu evitati abbużi tal-liġi.

4.9.5 Fis-sitwazzjonijiet li jittrattaw il-kisba ta' obbligu ta' twettiq u sitwazzjonijiet simili oħra li ma jinvolvux il-ħlas ta' ammont li hu likwidu, dovut u pagabbli fuq talba, l-eżenzjoni mill-pleġġ għandha tiġi regolata skont l-istima tal-fatti taċ-ċirkostanzi partikolari kollha mill-imħallef, biex jiġu evitati l-ostakli għall-ksib ta' protezzjoni legali.

([15]) Il-miżuri ta' salvagwardja jinvolvu, l-ewwel l-għoti minn qabel, u xi drabi parzjali, ta' awtorizzazzjoni għal talba qabel ma tkun ingħatat is-sentenza. Skont il-prattika proċesswali tradizzjonali (għall-eżempji kollha, ara, Calamandrei, "*Introducción al Estudio sistemático de las Providencias cautelares*" ("Introduzzjoni għall-Istudju sistematiku ta' dispożizzjonijiet ta' salvagwardja")), għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri għandhom jiġu sodisfatti ż-żewġ ħtiġiet: jista' jsir każ *prima facie* (*fumus boni iuris*) u hemm riskju reali li l-infurzar ma jsirx (*periculum in mora*). Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea adottat dan l-approċċ fid-Digriet tal-President tal-Qorti tad-19.7.1995, il-Kummissjoni/Atlantic Container Line u oħrajn (Kawża C-149/95), fid-Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Prim'Istanza tat-30.6.1999, Pfizer Animal Health/il-Kunsill (Kawża T- 13/99) u l-kawżi Factortame tad-19 ta' Ġunju 1990, u d-Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28.6.1990.

4.10 *Abolizzjoni tal-exequatur*

4.10.1 Tibqa' fis-seħħ ukoll il-possibbiltà tan-nuqqas ta' rikonoxximent li huwa bbażat fuq raġunijiet stabbiliti kif previsti bħalissa fl-Artikolu 34 tar-Regolament u li jirreferi għall-politika pubblika, in-nuqqas ta' difiża tal-partijiet involuti u n-nuqqas ta' kompatibbiltà tas-sentenzi.

4.10.2 Dawn iċ-ċirkostanzi jagħtu marġni ta' diskrezzjoni lill-ġurisdizzjonijiet kompetenti li huma diffiċli li jiġu kkontrollati u ovvjament jikkontribwixxu għal nuqqas ta' ċertezza legali u x'aktarx dewmien bla bżonn tal-proċeduri.

4.10.3 Min-naħa l-oħra, jidher raġonevoli li minħabba l-abolizzjoni tal-proċedura tal-*exequatur* fl-eżekuzzjoni tal-miżuri proviżorji, l-emenda tal-Artikolu 47 tar-Regolament inkwistjoni hija bbażata fuq dak li jipprevedi l-Artikolu 20 attwali tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 ([16]), jiġifieri kopja tas-sentenza u estratt mis-sentenza tradotta mal-formola korrispondenti.

4.10.4 Billi l-emendi previsti fir-Regolament għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipju tar-"rikonoxximent reċiproku" fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, ma jidhirx li huwa koerenti li tibqa' ssir distinzjoni bejn "rikonoxximent" u "eżekuzzjoni".

4.10.5 Għaldaqstant, idealment għandu jkun hemm l-abolizzjoni ta' din l-għażla jew reviżjoni b'attenzjoni għall-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tiegħu.

4.10.6 Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jistenna li r-"rikonoxximent" tas-sentenzi jkopri l-qasam ċivili u kummerċjali kollu, il-kontenut tal-Artikolu 1 attwali għandu jiġi emendat biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għas-sentenzi amministrattivi, billi dan ikun ifisser li ċ-ċittadini u l-intrapriżi jibbenefikaw aħjar mill-funzjonament tas-suq intern.

4.10.7 Din l-osservazzjoni tidher rilevanti wkoll għall-proposta li fir-Regolament jiġu inklużi mezzi ta' sanzjoni ekonomika għad-debituri u mezzi oħra li jimponu l-qrati jew l-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri.

4.10.8 Sabiex jiġu ssemplifikati l-proċeduri u titħaffef l-eżekuzzjoni, il-protezzjoni legali tista' titjieb jekk tiġi stabbilita formola standard komuni disponibbli fil-lingwi Komunitarji uffiċjali kollha, b'estratt tas-sentenza.

4.10.9 B'hekk, jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni billi jitneħħa l-obbligu li jintgħażel domiċilju jew jinħatar rappreżentant *ad litem*: dawn ir-rekwiżiti issa m'għadhx hemm bżonnhom aktar minħabba r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 ([17]).

4.11 *Att Awtentiku Ewropew*

4.11.1 Għall-bidu, l-Artikolu 50 tal-Konvenzjoni ta' Brussell kien jirreferi għall-"istrument(i) awtentiċi" li setgħu jiġu "rinfurzati", billi din ir-regola kienet soġġetta għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ([18]), jiġifieri kienet tittratta l-istrumenti li huma infurzabbli skont il-Liġi tal-Istat tal-oriġini, liema awtentiċità tkun ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe awtorità oħra awtorizzata biex tagħmel dan mill-Istat imsemmi.

4.11.2 Fir-Regolament Nru 44/2001, dan il-kunċett ġie inkluż fl-Artikolu 57. Madankollu, il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tibda l-ħidma dwar Att Awtentiku Ewropew.

4.11.3 Il-KESE huwa favur li l-Kummissjoni tagħmel il-ħidmiet meħtieġa biex tiġi trattata ċ-ċirkolazzjoni libera tal-istrumenti awtentiċi, li tista' tiġi ffinalizzata bl-istabbiliment ta' strument awtentiku Ewropew.

4.12 *Protezzjoni tal-konsumaturi*

4.12.1 Skont l-inċiż 13 tar-Regolament Nru 44/2001, fil-kuntratti tal-konsumatur, il-parti l-anqas b'saħħitha għandha tiġi mħarsa bir-regoli ta' ġurisdizzjoni li huma aktar favorevoli għall-interessi tagħha milli hemm previst fir-regoli ġenerali. Dan il-kriterju ġie kkonfermat mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ([19]).

4.12.2 Il-Kumitat jikkondividi t-tħassib tal-Kummissjoni li ġie espress fl-inċiżi tar-Regolament u tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, billi dejjem kien favur li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, li jeħtieġu regoli protettivi u ta' natura mandatorja biex jipproteġuhom.

4.12.3 Għal raġunijiet ta' koerenza tal-ordni legali Komunitarja, ikun adatt li t-tfassil tal-Artikolu 15(1)(a) u (b) tar-Regolament jiġi allinjat mad-definizzjoni tal-kreditu għall-konsumatur u l-ftehim ta' kreditu marbut li jsemmi l-Artikolu 3(c) u (n) tad-Direttiva 2008/48/KE ([20]).

4.12.4 Fl-aħħar nett, u fir-rigward tal-azzjoni kollettiva, dan it-tip ta' ħarsien jipprova jtaffi l-ispejjeż proċedurali li normalment jispiċċaw jiddiswadu lill-konsumatur milli jfittex bil-qorti lin-negozjant domiċiljat fi Stat Membru ieħor; dan jgħodd b'mod speċjali għall-ispejjeż involuti f'każijiet fejn ir-rikorrent iressaq każ barra mid-domiċilju tas-soltu tiegħu u, f'każ li r-rikorrent iressaq każ quddiem l-imħallef tiegħu stess, l-ispejjeż ikkawżati mill-ħtieġa li ssir eżekuzzjoni "*a fortiori*" tas-sentenza fi Stat Membru ieħor.

4.12.5 Billi bir-Regolament attwali (Artikolu 6(1)) mhuwiex possibbli li jinġemgħu l-azzjonijiet, b'mod speċjali l-azzjonijiet ta' diversi rikorrenti kontra l-istess konvenut quddiem il-qrati ta' Stat Membru, din ir-regola tar-Regolament għandha tiġi emendata biex tiffaċilita l-appelli kollettivi tal-konsumaturi u l-azzjonijiet għad-danni għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli Komunitarji tad-difiża tal-ġurisdizzjoni, li l-KESE stqarr li huwa favorevoli għalihom.

(16) ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.

(17) Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ĠU L 324, 10.12.2007.

(18) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tas-17.6.1999, Kawża C-260/97, Unibank.

(19) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tas-17.9.2009, Kawża C-347708, Vorarlberger Gebietskrankenkasse.

(20) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

4.13 *Proprjetà intellettwali*

4.13.1 Minkejja li d-Direttiva 2004/48/KE ([21]) fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandha l-għan tal-approssimazzjoni ta' ċerti kwistjonijiet proċedurali, tirriżulta l-ħtieġa ta' regoli ta' natura sopranazzjonali biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' ċertezza legali u jnaqqsu l-ispejjeż għoljin ikkawżati mill-possibbiltà ta' proċeduri ripetuti quddiem il-qrati nazzjonali.

4.13.2 Għaldaqstant, il-KESE jikkunsidra li għandhom jiġu adottati miżuri biex jipprojbixxu l-falsifikazzjoni tad-ditti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkonkludu l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi, fir-rispett sħiħ tal-pluralità lingwistika.

4.14 *Arbitraġġ*

4.14.1 Il-KESE jikkunsidra li, fir-riforma tar-Regolament Nru 44/2001, għandhom jiġu adottati l-miżuri adegwati biex jiġi assigurat li s-sentenzi jkunu jistgħu jiċċirkolaw bla xkiel fl-Ewropa u biex il-proċeduri paralleli jkunu pprojbiti.

4.14.2 B'mod konkret, bit-tneħħija (parzjali) tal-esklużjoni tal-arbitraġġ mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament:

— għandhom jiġu permessi l-miżuri protettivi bħala appoġġ għall-arbitraġġ,

— għandu jiġi permess ir-rikonoxximent tas-sentenzi dwar il-validità ta' ftehim ta' arbitraġġ, u

— għandu jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tas-sentenzi li jinvolvu sentenza f'arbitraġġ.

4.14.3 Il-KESE huwa favur l-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-użu transnazzjonali tal-arbitraġġ; għaldaqstant, huwa favur l-istabbiliment ta' regolament sopranazzjonali u uniformi dwar il-konflitt fir-rigward tal-validità tal-ftehimiet ta' arbitraġġ, li jkun jirreferi għal-liġi tal-Istat fejn isir l-arbitraġġ.

4.14.4 Fi kwalunkwe każ, il-KESE jikkunsidra li jkun tassew adatt li ma jinbidel xejn fil-funzjonament tal-Konvenzjoni ta' New York tal-1958 dwar l-infurzar tas-sentenzi f'arbitraġġ jew li għall-inqas din tittieħed bħala punt tat-tluq għal aktar azzjoni.

4.15 *Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għas-sentenzi amministrattivi*

4.15.1 Il-KESE huwa konxju li r-Regolament Nru 44/2001 japplika biss għas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali imma jikkunsidra li, sabiex ikun hemm funzjonament adatt tas-suq intern, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament jiġi estiż għas-sentenzi amministrattivi finali permezz ta' kwalunkwe miżura li jqisu adatta, inkluża dik prevista fl-Artikolu 309 tat-Trattat KE.

Brussell, 16 ta' Diċembru 2009.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Mario SEPI

([21]) ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45.